# JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2001

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 1 | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA U NOFS |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: ____________

**Taqsima A**

**Imla' l-vojt b'dawn il-kliem.**

Soċjalizzazzjoni, protezzjoni, simetrika, awtoritarja, responsabbilta', edukazzjoni, rwol, relazzjonijiet, konflitt, soċjeta'.

1. Il-familja qiegħda ssir _________________, jiġifieri li r-rwoli tar-raġel u tal-mara fil-familja jinqasmu bejniethom, li jgawdu l-istess drittijiet u jerfgħu l-istess responsabbiltajiet.

2. Fil-familja sseħħ l-ewwel forma ta' _________________.

3. Il-missier m'għadux jitqies bħala figura _________________.

4. Ir- _________________ ta' l-anzjani fil-familja hija importanti minħabba li ħafna anzjani qegħdin jibqgħu fil-komunita'.

5. Fil-familja nitgħallmu nibnu _________________ ma' xulxin.

6. Il-familja għandha tagħtina pedament sod biex inkunu ċittadini responsabbli fis-_________________.

7. Il-familja hija l-ambjent fejn kull membru jsib il-wens, l-imħabba u l- _________________ mill-perikli soċjali.

8. Kull membru tal-familja għandu _________________ x'jagħmel.

9. Xi kultant jistgħu jinqalgħu xi _________________ fil-familja li jistgħu jissolvew meta jkun hemm interazzjoni soċjali.

10. Il-familja taħseb fl- _________________ ta' l-ulied.

**Total 10 marki**

**Taqsima B**

**Qabbel Lista A mal-B billi tagħmel numru fin-nofs.**

| | Lista A | | Lista B |
|---|---|---|---|
| 1. | Soċjalizzazzjoni primarja | | Organizzazzjonii ta' gruppi u individwi mibnija fuq normi u liġijiet. |
| 2. | Gruppi | | Regoli magħmula mis-soċjeta' jew gruppi soċjali. |
| 3. | Soċjeta' | | Nies li jaħdmu fuq l-istess regoli u jimxu għall-istess għan. |
| 4. | Normi | | Ix-xeħtiet lejn ħajti u lejn id-dinja ta' madwari li jagħżluni minn bnedmin oħrajn. |
| 5. | Karattru | | Membru ta' nazzjon bi drittijiet u dmirjiet lejn l-oħrajn. |
| 6. | Ċittadin | | Tħossok ħaġa waħda ma' ħaddieħor, bħala individwu, grupp, nazzjon, fil-ferħ u fin-niket. |
| 7. | Solidarjeta' | | Il-kwalitajiet tajbin f'ħajti |
| 8. | Dritt | | Dak li jien irrid nagħti bħala ċittadin lis-soċjeta' |
| 9. | Talenti | | Dak li jien bħala ċittadin nistħoqqli nieħu mis-soċjeta' |
| 10 | Dmir | | Fil-familja nsibu il-proċess fejn nitgħallmu x'inhuma l-valuri u n-normi tas-soċjeta'. |

**Total 10 marki**

**Taqsima Ċ**

**Aqra dinn is-silta u wieġeb.**

Il-gruppi soċjali jiffurmaw soċjeta', in-nies ifittxu li jgħinu lil xulxin, li jtejbu l-qagħda tagħhom u għandhom bosta drawwiet, twemmin u valuri komuni. Fi gruppi nagħrfu r-rwol tagħna, u nfittxu li nobdu r-regoli. Il-grupp jgħinna b'ħafna modi differenti, fosthom li nwasslu l-ideat tagħna lil ħaddieħor. Meta nkunu qegħdin nirrispettaw id-dmirijiet u d-drittijiet ta' xulxin, inkunu qed infittxu li ngħixu flimkien fil-paċi.

(In-Naħla Charles Galea Scannura)

**Wieġeb fl-ispazju provdut.**

1. Għaliex il-grupp tal-ħbieb huwa importanti għall-bniedem?

 ____________________________________________

 ____________________________________________(2 marki)

2. Semmi 2 gruppi differenti fejn wieħed jista' jmur biex ma jkunx waħdu.

 ____________________ ____________________ (2 marki)

3. Kif jista' l-grupp jgħin lill-individwu? Agħti mill-inqas 4 ideat differenti.

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________(4 marki)

4. Xi jkun il-'peer group'?

____________________________________________

____________________________________________(2 marki)

1. X'vantaġġi għandu l-'peer group'?

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________(2 marki)

6. X'jiġri jekk wieħed/waħda jikser/tikser ir-regoli tal-grupp? Għaliex?

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________(3 marki)

1. F'liema grupp qiegħed/qiegħda int/i? Kif għenek dan il-grupp? Semmi konflitt li nqala' u x'għamel il-grupp dwaru?

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________(5 marki)

**Total 20 marka**

**Taqsima D**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fl-ispazju pprovdut.**

1. L-Istudji Soċjali huwa importanti għaliex jgħin lill-istudent/a biex
   a. ____________________________________________
   b. ____________________________________________
   c. ____________________________________________(3 marki)

2. Semmi tliet żvantaġġi li jkollu individwu meta ma jgħixx ma' l-oħrajn.

a. ____________________

b. ____________________

c. ____________________(3 marki)

3. Semmi tliet modi ta'  kif issir is-soċjalizzazzjoni.

a. ____________________

b. ____________________

c. ____________________(3 marki)

4. Għaliex il-familja qiegħda ssir simetrika?

____________________

____________________

____________________(3 marki)

5. X'differenza tgħaddi bejn Edukazzjoni Formali u dik Informali?  Agħti eżempji.

____________________

____________________

____________________

____________________(4 marki)

1. X'siwi għandha l-edukazzjoni fil-ħajja tal-lum?  Agħti erba' raġunijiet.

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________(4 marki)

**Total 20 marka**

**Taqsima E**

<u>**Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u agħti l-opinjoni tiegħek.**</u>

1. Fi grupp taż-żgħażagħ hemm membri ta' kull eta'.  Isiru ħafna attivitajiet differenti, fejn iż-żgħażagħ jistgħu jesprimu ruħhom bil-liberta', iżda issib uħud li jsibuha bi tqila biex jipparteċipaw u jesprimu l-opinjoni tagħhom.
X'jistgħu jagħmlu dawn biex ma jibqgħux mistħija?  Kif jistgħu jgħinuhom sħabhom?

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________(5 marki)

2. Il-familja ta’ Katerina għaddejja minn diffikultajiet finanzjarji. Iżda fil-familja għad hemm l-għaqda u l-membri xorta jħossuhom kuntenti.

   X’taħseb li qed iżomm l-għaqda f’din il-familja?

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________(5 marki)

3. F’komunita’ lokali partikolari, twaħħlu bozoz, ġew imwaħħla xitel u ssewwew bankini. Grupp ta’ tfal bdew jagħmlu l-vandaliżmu. Il-kunsill lokali nefaq ħafna flus biex isir dan kollu.

   Kif jista’ l-kunsill lokali jħajjar iż-żgħażagħ iħarsu aktar l-ambjent lokali?

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________(5 marki)

**Total 15-il marka**

**Taqsima F**

**<u>Agħżel wieħed minn dawn u ikteb komponiment</u> (150 kelma).**

1. Il-funzjonijiet tal-familja fis-soċjeta’.

2. L-influwenza tal-‘peer group’.

3. Kif nista’ nagħti sehmi fil-komunita’ lokali.

4. Kif nista’ nuri solidarjeta’ ma’ ħaddieħor. **(25 marka)**